MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 598/2008

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
vs
Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech
(I.D. nri. 383357(M) u 428354(M))

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-bank attur fid-9 ta’ Gunju, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat fid-19 ta’ Jannar 1999 in atti n-Nutar Dottor Anthony Abela (Dok. ‘A’) is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech is-somma ta’ tlieta u tmenin elf, tmien mija u sebgha u hamsin Ewro u erbgha u erbghin centezmi (€83,857.44) ekwivalenti ghall-sitta u tletin elf Liri Maltin (Lm36,000);

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta’ sitta u tmenin elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin

Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€86,625.55) ekwivalenti ghall sebgha u tletin elf, mija u tmienja u tmenin Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm37,188.35) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B5", Dok. 'C1 sa C7') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-21 ta' Mejju 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech;

(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment

5. Illi l-konvenuti Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fl-01 ta' Gunju 2007 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "D", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab illi wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni l-konvenuti jghidu ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-

socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

2. Tikkundanna lill-Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u tmenin elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€86,625.55) – ekwivalenti ghall-sebgha u tletin elf, mija u tmienja u tmenin Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm37,188.35) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B5", Dok. 'C1 sa C7') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-21 ta' Mejju 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali (Dok. D) datata fl-1 ta' Gunju 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment u minghajr pregudizzu u bir-rizerva gahll-pretensjonjiet ohra tal-attrici kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-Bank attur;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota tal-konvenuti tat-30 ta' Lulju, 2008 li biha ammettew li huma ghandhom ihallsu l-ammont komplessiv ta' €86,625.55 kif indikat fit-talbiet tas-socjeta' attrici, u li huma ghadhom sal-lum ihallsu pagamenti li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni qabel ma taghti s-sentenza taghha;

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati, qatt ma dehru ghal ebda seduta;

Semghet ix-xiehda tal-PL Francesca Scerri ghall-bank attur fis-sens li l-konvenuti ma ghamlu l-ebda pagament lill-bank attur mid-data tal-prezentata ta’ dan ir-rikors guramentat sal-lum;

Billi mill-provi prodotti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, u mill-provi prodotti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-bank attur is-somma ta' sitta u tmenin elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€86,625.55) – ekwivalenti ghall-sebgha u tletin elf, mija u tmienja u tmenin Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm37,188.35) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta’ Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Mejju 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------